# Dun Ludovico Mifsud Tommasi u Ħal Luqa

Kitba ta' Adrian Mizzi



Ludovico Mifsud Tommasi twieled f'Bormla aktarx fl-1795, u ggradwa mill-Università Rjali ta' Malta bħala duttur tat-Teoloġija. Sar qassis u beda jgħallem fis-seminarju ta' l-Imdina. Meta s-seminarju ġie trasferit għal San Kalċedonju, il-Furjana, huwa ssokkta bit-tagħlim tiegħu f'din l-istituzzjoni tal-Knisja.

It-tagħlim kien għal qalbu ħafna. Fl-1824, huwa kiteb poeżija għall-ewwel quddiesa ta' wieħed qassis u fl-1831, ħareġ ktieb ta' sunetti b'tifħir lill-Isqof Caruana. Fl-1834 Dun Ludovico qala' s-setgħa li jiftaħ skola fid-dar tiegħu, 91, Strada Levante, il-Belt. Huwa kien jgħallem lill-istudenti tiegħu l-ilsna, il-filosofija, ix-xjenza u l-letteratura. Wara xi żmien, Dun Ludovico mar joqgħod Bormla u hemm kompla jgħallem fl-iskola tiegħu stess, aktarx fi Triq Santa Marija.

Fil-ħajja tiegħu bħala qassis huwa sar Kanonku tal-Katidral, jiġifieri sar Monsinjur. Il-qalb ta' dan il-monsinjur kienet tħoss għal ħutu nsara Maltin u ħaseb biex jikteb kwantità kbira ta' talb bil-Malti.

Skond l-istorja dokumentata, dak iż-żmien il-quddiesa kienet issir bil-Latin u l-priedki bit-Taljan. Dawn il-lingwi kienu jifhmuhom in-nies ta' l-iskola, iżda l-kumplament tal-poplu Malti, li kien kollu nisrani, ma kien jifhem xejn.

Però, huma sabu benefattur kbir f'dan il-qassis li kiteb sensiela twila ta' kurunelli bil-Malti, inkluż dik tal-Patrun tagħna Sant'Andrija li aktarx kiteb fis-sena 1863. Normalment, huwa kien jagħmel daqs 500 jew 700 kopja, iħallas għalihom minn butu u jqassamhom, aktarx b'xejn lid-devoti.

Bħala persuna importanti ħafna fil-letteratura Maltija, il-gvernaturi Inglizi għarfu minn kmieni l-ħila tiegħu u għal xi żmien, Sir Frederick Cavendish Ponsonby, Gvernatur ta' Malta (1826-1836) ried jirrikkmandah biex jinħatar l-isqof suċċessur wara l-Isqof F.S. Caruana. Mifsud Tommasi dan ma aċċettahx u kien hemm żmien li r-relazzjonijiet tiegħu ma' l-Isqof Caruana ma tantx kienu tajbin.

Ir-raġuni ewlenija kienet li Dun Ludovico Mifsud Tommasi kellu l-ħbieb il-Vatikan. F'Mejju 1831 kellu jċedi wkoll l-arċipretura ta' Ħaż-Żebbuġ għax milli jidher l-Isqof

Caruana m'għoġbitux din il-ħaġa li Tommasi jsir arċipriet hemmhekk. Kien kanonku tal-kolleġġjata ta' Bormla mit-2 ta' Jannar 1838 sa l-20 ta' Lulju 1868 sakemm sar Monsinjur tal-Katidral, ħatra li kienet ilha mwiegħda lilu mill-1847 sa l-1868. Kemm dam kanonku Bormla għamel il-kwadru titulari minn flusu.

Iżda donnu li ma' Ħal Luqa kellu xi konnessjoni mill-viċin. Insibu li fl-1847 huwa daħal għall-konkors għall-kappillan ta' Ħal Luqa wara li kien miet il-Kappillan Sultana fl-10 ta' Novebru 1847. Għal darba oħra ma sarx kappillan. L-istorja tiegħu ma' Ħal Luqa ma bdietx hawnhekk. Fit-23 ta' Settembru 1845 Mifsud Tommasi xtara għal 60 skud qabar li kien jinsab fil-knisja parrokkjali ta' Ħal Luqa ħdejn l-artal taċ-Ċintura u li kien jinsab qrib ħafna tal-presbiterju.

Dan il-qabar diġà kellu skrizzjoni fuqu. Mifsud Tommasi xtara l-qabar mingħand ċertu Paolo Wolflomier mill-Belt Valletta skond kuntratt li sar għand in-Nutar Antonio Giacomo Calleja mis-sena 1805 sa 1859. Sat-3 ta' Ottbru 1867, fl-aħħar testment li kien għamel Salvatore Catania, Mifsud Tommasi kien ħalla li wara li jsirulu s-servizzi funebri f'Bormla, il-ġisem tiegħu kellu jittieħed Ħal Luqa u jindifen fil-qabar imsemmi. Meta laħaq Monsinjur, fl-20 ta' Awissu 1869, wara li huwa reġa' għamel reviżjoni tat-testment, ħalla li wara li jmut, ried jindifen bħall-Monsinjuri l-oħra fil-Katidral ta' l-Imdina.

Ir-raġuni għaliex Mifsud Tommasi xtara qabar hawn Ħal Luqa ma nafuhiex eżatt, iżda seta' ġara li peress li hu kellu ħafna ħbieb fil-Gvern Kolonjali ta' dak iż-żmien, kien sar jaf ukoll li d-dfin fil-Belt Valletta, il-Furjana u l-Kottonera kien se jispiċċa b'mod permanenti, kif fil-fatt ġara mill-1869 'l hemm. Ħafna nies xtaqu li jkollhom qabar fi knisja fejn jistgħu jistrieħu wara mewthom.

Id-dfin baqa' jsir fil-knejjes ta' l-irħula. Ma kienx hemm wisq ċimiterji fil-kampanja kif nafuhom illum u għalhekk inbena ċ-ċimiterju ta' l-Addolorata. Mifsud Tommasi xtara l-qabar hawnhekk għax forsi Ħal Luqa kienet l-eqreb parroċċa lejn il-Kottonera minn barra Ħal Tarxien u Ħaż-Żabbar. Dan japplika wkoll għall-Belt Valletta u l-Furjana. Jingħad li ħafna nies xtraw oqbra f'Ħal Qormi fil-parroċċa ta' San Ġorġ. Dan ġara għax Ħal Luqa u Ħal Qormi kienu t-tnejn parroċċi fejn il-knisja kien isir id-dfin u qrib il-Belt u l-Furjana ma kienx hemm parroċċi oħra. Il-Ħamrun sar parroċċa fl-1881 u l-Marsa fl-1913. Fir-reġistri tal-mejtin tal-parroċċa ta' Ħal Luqa hemm reġistrati ħafna nies minn dawn il-postijiet li kellhom qabar fil-knisja. Dan baqa' jsir ukoll wara li kien infetaħ iċ-ċimiterju ta' l-Addolorata.

Filwaqt li nerġgħu lura lejn il-ħajja bikrija ta' Dun Ludovico, l-imħabba għall-knisja ta' Ġesù huwa urieha fil-paneġierku li għamel għall-festa ta' San Pawl, il-Belt li ppubblikaħ fl-1834. Iżda jekk tkellem fuq kollox, tkellem ukoll fuq Ġesù Ewkaristija; ma setax ma jħossx, iktar u iktar bħala qassis, meta f'dak iż-żmien mill-knisja ta' Santa Tereża ta' Bormla, insteraq il-Pissidi bl-Ostji Konsagrati. Dun Ludovico ħareġ ktieb żgħir fuq din is-serqa sagrileġa fl-1837.

Meta kiber, Dun Ludovico tilef id-dawl ta' għajnejh għal kollox; imma baqa' jikteb il-poeżija bil-Malti f'*Il-Ħabbar Malti*.

Dun Ludovico Mifsud Tommasi ħass il-ħtieġa li jiġbor fi ktieb ieħor il-poeżiji l-oħra tiegħu u semmih: *Il-Għana tan-Nisrani*. Dan il-ktieb ma ħariġx. Iżda s-Sur Cassar Pullicino kien qal li fil-ktieb li diġà ħadna minnu iktar 'il fuq li hu għandu l-manuskritt ta' dan il-ktieb u fih hemm twissija għall-bidu tiegħu miktub minn Dun Ludovico. Għalhekk fiha tista' tilmaħ li dan il-qassis f'moħħu kellu dejjem li jgħallem it-tagħlim

nisrani preċiż b'mod sempliċi lill-insara Maltin.

Hekk kif miet Mifsud Tommasi fl-1879, ġewwa l-Imdina ta' 84 sena, id-dfin tiegħu ma sarx Ħal Luqa. Fir-reġistru tal-mejtin ma jidhirx ismu. Mela x'kien sar minn dan il-qabar li kien xtara u min indifen fih?

Minn riċerka minn fuq ir-reġistru tal-mejtin Vol. IV 1856-1902, p.122 insibu li fl-20 ta' Diċembru ta' l-1874 mietet Donna Martha Mifsud Tommasi, it-tifla ta' Paolo u Marija Theresa mill-Birgu u ndifnet f'dan il-qabar. Dan seħħ fiż-żmien li kien kappillan Dun Lawrenz Frendo Rossi.

Ma nstabet l-ebda skrizzjoni ta' Mifsud Tommasi, iżda l-istess skrizzjoni li kien hemm fuq il-qabar fl-1845 meta nxtara mingħand Paolo Wolfomier baqgħet fil-post u nqalgħet biss meta sar il-paviment ta' l-irħam. Din l-iskrizzjoni ta' l-irħam għadha teżisti sal-lum u tinsab fil-knisja tal-Ftajjar.

**Referenzi:**


1. The Priest who declined a bishopric. J. Cassar Pullicino. Melita Historica Vol. VIII No.3.
2. Il-Kappillani ta' Ħal Luqa. Dun Ġ. Micallef. Ktejjeb Ħal Luqa 350 Sena Parroċċa. Pubblikazzjoni: Leħen il-Parroċċa – Luqa, p.24.
3. Arkivju Parrokkjali ta' Hal Luqa. *Liber Defunctorum* Vol. IV 1856-1902 p.122.
4. Arkivju tan-Nutar, il-Belt Valletta.
5. History of the Church in Malta. Vol. III. Period IV 1800-1975 p.263-265. Extramural Burials.
6. Iċ-Ċimiterju tal-Qormin p.117 Dun Ġ Schembri. Il-Knisja Parrokkjali ta' San Ġorġ, Ħal Qormi. Erba' Sekli ta' Storja – Joseph F. Grima.
7. Kitba tas-Sur Anton Morana, Leħen il-Parroċċa Luqa, Frar 1985 p.2 u 4.



TANIO SPITERI

*Mini Ready Mix*
*with High-up Services*

Għal kull xogħol ta'
Konkos, Torba, Żrar, Ramel, eċċ.

Mobile:
7906 3000


